IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru28 (tmienja u għoxrin) tat-tmien (8) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret online nhar il-Erbgħa 23 ta' Diċembru, 2020, fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Rosabelle Pulis |
| Il- Kunsilliera | Anthony Valvo |
| | Raymond Camilleri |
| | Mary Doris Borg |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**28.1. Item Nru 28.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

28.1.1 Il-Laqgħa bdiet fis-5.55pm u kulħadd kien preżenti.

**28.2. Item Nru. 28.2 fuq l-Aġenda –** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

28.2.1. il-Minuti tal-laqgħa 27 ittieħdu bħala moqrija u bi qbil unanimu ġew approvati.

**28.3 Item Nru. 28.3 fuq l-Aġenda -** Komunikazzjoni mis-Sindku

28.3.1 *Jogging track* - Is-Sindku Neil Attard qal li l-Perit Bezzina tefa emenda tal-applikazzjoni l-Planning Authority. Is-Sindku informa lil Kunsill li l-Gvern approva l-ammont ta' 300,000 oħra sabiex din il-*jogging track* tkun tista titwettaq. Għalhekk għandna nil taqgħu mad-Direttur Ġenerali Natalino Attard sabiex nitkellmu fuq il-proċedura.

28.3.2 *Road Humps* – Is-Sindku qal li llum ġie l-Kuntrattur tar-*road humps* u twaħħlu ta' Dawret ix-Xatt kif ukoll il-biċċiet neqsin ta' Triq il-Knisja.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693289
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

28.3.3 Is-Sindku qal li ser jiġri wara l-Perit Bezzina sabiex itina stima ta' kemm tista tinkera s-sala ta' taħt il-bandli sabiex inkunu nistgħu infasslu l-*Expression of interest.*

28.3.4 Is-Sindku qal li t-tender tal-Knis ġiet ippublikata u tagħlaq fit-28 ta' Jannar 2021.

28.3.5 Is-Sindku tkellem fuq il-Progett ta' residenza ta' Triq Wied Glavan li l-Kunsill kien għamel oġġezzjoni għalih fil-bidu tas-sena. Huwa qal ukoll li l-iżviluppaturi naqqsu l-proġett għal 12 il sular u irridisenjaw iddaħla minn Dawret ix-Xatt.

Is-Sur Attard qal li l-art mhux ODZ tista tinbena u ħadd ma jista jżomm l-iżviluppaturi jibnu 5 sulari kullimkien pero b'dan il-mod li jissejjaħ FAR jistgħu jibnu 50% tal-art biss u l-50% l-ieħor issir art pubblika. Għalhekk l-iżviluppaturi qed japplikaw biex il-50% li ser tinbena titla 12-il sular.

Is-Sur Raymond Camilleri qal li dawn in-nies mhux jistennew il-Kunsill japprova għaliex dawn xorta jistgħu jibnu l-5 sulari.

Is-Sur Anthony Valvo qal li bħala Kunsill irridu naraw biex ir-residenti jsofru l-inqas danni possibbli.

Is-Sa Rosabelle staqsiet għaliex ma nistawx noġġezzjonaw lanqas għal 5 sulari. Is-Sindku qalla li ma nistawx noġġezzjonaw għal 5 sulari għaliex skont il-permessi ta' Planning Authority.

Is-Sur Neil Attard qal ukoll li proġett bħal dan jista jħalli madwar 60-80k Euro f' Development Funds.

Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li tissejjaħ laqgħa mal-Perit Bezzina biex naraw jekk l-obejction li saret għadiex tregi jew le. Minhemm inkunu nistgħu nitkellmu f'laqgħat oħra.

**28.4 Item Nru 28.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

28.4.1 Il-Mistoqsijiet saru fil-parti ta' qabel.

**28.5 Item Nru. 28.5 fuq l-Aġenda – Rapporti Finanzjarji**

28.5.1 Ma kienx hemm rapporti finanzjarji.

IX-XGĦAJRA

**28.6 Item Nru. 28.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

28.6.1 Is-Sa. Rosabelle Pulis qalet li l-Proġett LC Care tat-2019 ġie imġedded sal-aħħar ta' Marzu u ser tieħu ħsieb li tiftiehem mal-cat feeders sabiex jitwettaq dal-proġett.

**28.7 Item Nru. 28.7 fuq l-Aġenda - Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

28.7.1 Pagamenti b'numru 99 ġew approvati unanimament.

**28.8 Item Nru. 28.28 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet**

28.28.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**28.9 Item Nru. 28.9 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

28.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7pm

Aġġornament għal-nhar l-Erbgha 27 ta' Jannar, 2021 fil-5.30pm

Iffirmat

Iffirmat

_________________________

Ranier Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

_________________________

Neil Attard
Sindku

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693289
E-Mail xghajra.lc@gov.mt